# FIL-MEWT TAT-TABIB RUŻAR BRIFFA

**nhar it-22 ta' Frar, 1963**

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

Ħabib, tlifniek. Dik is-Setgħa qalila
li ma taħfirha 'l ħadd, ħaddnitek magħha,
u xejn ma swew la għerf u anqas ħila,,
għax int ħallejtna u r-rebħa kienet tagħha.

Mir-riefnu mkarkar qbadt it-triq it-twila
fi ħdan l-eternità. 'Mma l-ġmiel u s-saħħa
ta' versi sbieħ, bħalma pittur fuq tila,
tibqa' turina u l-qalb bihom tferraħha.

Bihom, ħabib, din qalbna tibqa' tifraħ:
l-għanja li ktibt, kollha kemm hi Maltija,
bħal dawl divin tibqa' ġo moħħna timraħ.

Għax int għannejt il-barka taż-Żgħużija
w urejt kif poplu jaf iqum u jirbaħ:
tiegħek, ħabib, il-vera Poeżija.